Trid

# NIKTBU STORJA

flimkien?

**Tajjeb!**

Imma qabelxejn irridu naraw fuq min se niktbuha.
Għax, taf inti, kull storja trid tkun dwar xi ħadd jew xi ħaġa.

**Ħares lejn dawn l-erba' stampi.**






**Tgħid niktbu storja dwar kull waħda minnhom?**

**Ejja nibdew bi storja dwar qattusa.**

Jekk inti tippreferi li jkun qattus,
ħu ħsieb li ddawwar kollox fil-maskil.



Storja dwar

# qattusa



**1.** Qabelxejn, irridu niddeċiedu din l-istorja min se jirrakkontaha.

**a.** Nistgħu ngħiduha jien u inti flimkien.
**Darba waħda kien hemm qattusa ġinġrija ...**

**b.** Jew inkella nistgħu niktbuha qisha qed tirrakkontaha l-qattusa.
**Jiena qattusa ġinġrija li jisimni ...**

**Inti liema tippreferi?**

**2.** Irridu wkoll naraw x'isem se nagħtu lill-qattusa.
Bħalissa qed jiġuni ħafna ismijiet ġo moħħi ... bħal ngħidu aħna:

**Spizzabontellineċċorettona**

Imma naħseb li dil-biċċa aħjar inħalliha f'idejk għax żgur jirnexxilek issib xi ħaġa aħjar. M'għandekx għaġla.

**Sib isem sabiħ!**



**3.** Issa rridu niddeċiedu x'tip ta' storja se niktbu. Tista' tkun:

- Storja tal-biża'
- Storja ta' misteru
- Storja tad-daħq
- Storja ta' fantasija
- Storja serja

**Liema togħġbok l-aktar minn dawn?**

